MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 32/2017

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Iċ-*Chairperson* ippresjediet il-laqgħa.

### 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Iċ-Chairperson qalet li s-Sur Simon Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

32.1.2 Iċ-Chairperson qalet li s-Sindku s-Sur Nicky Saliba kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 31/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

32.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

32.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

32.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 32.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

32.3.1 Iċ-Chairperson fakkret lill-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li t-tiżjin tal-Milied ma jsirx in-naħa tax-xtajta minħabba l-elementi tax-Xitwa. Fis-snin ta' qabel il-Kumitat kien prova jżejjen postijiet oħra ċentrali f'Marsalforn imma dejjem kien hemm il-ħsarat. Il-membri tal-Kumitat kollha qablu ma' dan il-messaġġ.

32.3.2 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li hemm xogħlijiet pendenti mal-kuntrattur tal-kunsill fuq ħsarat u bozoz ġodda tat-toroq. Hi qalet li qiegħda ssir pressjoni sabiex dawn ix-xogħlijiet isiru mill-aktar fis.

32.3.3 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat li nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru

2017 ser issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex isir il-pjan tal-proġett ta' bdil tar-railing u belveder ġdid fi Triq Santa Marija.

## 32.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

32.4.1 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar *zebra crossing* ta' Triq il-Qbajjar. Iċ-Chairperson wieġbet li wara li kien hemm qbil mill-Kumitat li ssir ftit 'il fuq minn fejn kienet ippjanata, u li hemmhekk kellna diġa l-pjanti tal-Perit, issa qed nistennew il-permess mill-awtorita' tat-Trasport Malta.

32.4.2 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar ħofra li hemm quddiem 'Ta' Dirjanu Supermarket' li tista' tikkawża ħsarat lill-vetturi. Il-Kumitat qabel li titranġa.

32.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar il-boroż il-griżi tar-riċiklaġġ biex jitqassmu lir-residenti. Il-Kumitat qabel biex navżaw lil Green Mt biex jibagħtulna.

## 32.5 Xogħol fi Triq Għar Qawqla

32.5.1 Ic-Chairperson infurmat lill-Kumitat li wara li rċivejna l-istima tal-kuntrattur tar-*resurfacing*, il-perit qabbel l-istima mar-rati tat-*tender* u ser tintbagħat l-ittra lill-kuntrattur biex jinbeda x-xogħol. Qalet li qegħdin nistennew mingħand il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma l-istima tax-xogħol ta' *trenching* biss peress li l-istima li bagħtulna ma taqbilx mal-ftehim li kellna. Il-Korporazzjoni tal-Enemalta għandha tibgħat lill-kuntrattur biex jibda' x-xogħol tagħhom ukoll f'din it-Triq.

## 32.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

32.6.1 Ilment 42/2017 - J.Zammit
Qed jitlob sabiex l-organic waste jinġabar kuljum minn Marsalforn. Il-Kumitat iddeċieda li dan mhux possibli peress li jekk jinġabar kuljum, ġo din il-borża ikun hemm ftit skart u l-ispejjeż ser jiżdiedu biex kullma

jinġabru ftit boroż.

32.6.2 Ilment 45/2017 – J. Saliba
Qed jilmenta dwar bankina mkissra biex issir mill-ġdid fi Triq ir-Rabat ħdejn fejn kien hemm it-Tritons Restaurant. Il-Kumitat qabel li ssir din il-bankina.

32.6.3 Ilment 46/2017 – R. Tabone
Qiegħda tilmenta dwar ħofra quddiem Grazzja court fi Triq il-qbajjar. Il-Kumitat qabel li titranġa.

32.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li rċivejna korrispondenza mingħand l-Ing. E. Scerri li ma qabilx mad-deċizjoni li ħa l-kumitat fil-laqgħa ta' qabel. Il-Kumitat iddeċieda li ser jibqa' bl-istess deċiżjoni.

32.6.5 Ir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn bagħat korrispondenza fejn talab biex il-kumitat jorganizza l-attivitajiet fil-festa bħal snin oħra. Il-Kumitat qabel ma' dan.

32.6.6 Wara li fil-laqgħa ta' qabel ġie deċiż sabiex issir bi prova ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda nhar ta' Ħadd fit-3pm, il-kuntrattur ikkonferma li hu jista' jagħmel dan. Il-Kumitat iddeċieda sabiex minn Jannar tibda ssir din il-ġabra.

32.6.7 Il-Kumitat tkellem dwar il-ġbir tal-iskart nhar il-Milied u nhar l-Ewwel tas-Sena. Ġie deċiż li jintbagħat avviż li l-iskart mhux ser jinġabar f'dawn il-ġranet iżda ser jinġabar ġurnata qabel.

## 32.7 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 32.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 ta' Jannar 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 15 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| Marija Saliba | Ryan Debrincat |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |